

Brussell, 5 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10655/24

COH 38
SOC 423

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar id-disa' Rapport ta' Koeżjoni – <i>Approvazzjoni</i>

1. Fis-27 ta' Marzu 2024, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-disa' Rapport dwar il-Koeżjoni¹.
2. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza ġie eżaminat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tal-25 ta' April, is-16 u t-23 ta' Mejju 2024. Id-delegazzjonijiet qablu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

¹ Id-dok. 8369/24.

ABBOZZ TA'**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar id-disa' Rapport ta' Koeżjoni****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

- (1) JILQA' d-disa' Rapport ta' Koeżjoni bħala rendikont siewi tar-rwol tal-politika ta' koeżjoni bħala stabbilizzatur ekonomiku li jikkontribwixxi għall-konverġenza 'l fuq u l-integrazzjoni Ewropea, partikolarment matul it-tletin sena tas-Suq Uniku Ewropew u għoxrin sena wara t-tkabbir tal-2004, kif ukoll l-analiżi tar-Rapport tal-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea, abbażi tal-aktar data aġġornata disponibbli;
- (2) JAGĦRAF li r-Rapport wasal fi żmien strateġiku, li jikkontribwixxi għar-riflessjoni dwar kif it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni jistgħu jissaħħu u jittejbu aktar;
- (3) IFAKKAR li l-politika ta' koeżjoni hija l-istrument ewlieni tal-UE għal investiment dejjiemi u reġionali u mutur għat-trasformazzjoni strutturali, li jippermetti l-iżvilupp u l-użu ta' soluzzjonijiet imfassla apposta fl-eqreb livell possibbli taċ-ċittadini u n-negozji;
- (4) JISSOTTOLINJA li l-politika ta' koeżjoni hija parti ċentrali tal-proġett Ewropew li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn id-diversi reġjuni f'termini ta' żvilupp u jwieġeb għall-isfidi tagħhom, bl-oġettiv ġenerali li jippromwovi l-iżvilupp armonjuż ġenerali tal-Unjoni;

Il-politika ta' koeżjoni qed tagħti riżultati...

- (5) JIEĦU NOTA tas-sejbiet fid-disa' Rapport dwar il-Koeżjoni rigward ix-xejriet dejjiema li ġejjin osservati matul l-aħħar għexieren ta' snin, meta, bis-saħħa tal-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni, ħafna partijiet tal-UE esperjenzaw konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq notevoli:

- Il-politika ta' koeżjoni ssaħħa is-Suq Uniku u toħloq kundizzjonijiet ugwali, u qdiet rwol importanti fl-integrazzjoni ta' Stati Membri ġodda fis-Suq Uniku u ppermettiet lir-reġjuni kollha jibbenefikaw minnu;
- Il-PDG medju per capita żdied sostanzjalment fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 u wara, xprunat minn żieda fil-produttività f'reġjuni inqas żviluppati;
- Il-politika taqdi rwol ewlieni fl-appoġġ tal-investiment pubbliku u fl-ingranaġġ tal-investiment privat, u tiġġenera valur addizzjonali u ħolqien ta' impjiegi, filwaqt li tikkontribwixxi għall-kompetittività u t-tkabbir tal-produttività tal-UE;
- Il-konnettività żdiedet, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija tjiebu, u l-kapital uman issaħħa permezz ta' żieda ġenerali fil-kisba edukattiva u żieda qawwija fil-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Bl-appoġġ attiv tal-politika ta' koeżjoni, id-differenzi fir-rati tal-impjiegi u tal-faqar bejn ir-reġjuni naqsu, l-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali tjiebu b'mod ġenerali u r-rati tal-qgħad ikkonverġew;
- Il-politika ta' koeżjoni kkontribwiet ukoll għat-titjib tal-kapaċità amministrattiva u l-governanza tajba fl-Istati Membri, permezz ta' appoġġ għal firxa wiesgħa ta' kompetenzi u effiċjenza amministrattiva;
- Bis-saħħa ta' mobilizzazzjoni rapida tar-riżorsi tagħha, il-politika ta' koeżjoni qdiet rwol importanti fil-mitigazzjoni tal-impatti asimmetriċi ta' kriżijiet reċenti u wittiet it-triq għal irkupru b'saħħtu u rapidu, speċjalment f'reġjuni vulnerabbli;

... iżda hemm riskju li l-isfidi strutturali u emerġenti jwessgħu d-disparitajiet

- (6) IFAKKAR fl-isfidi attwali u emerġenti li jinkludu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, it-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi negattivi tiegħu, il-migrazzjoni, iż-żieda fil-kompetizzjoni dinija u l-ħtieġa ta' kompetittività, konnettività, awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa, kif ukoll l-instabbiltà ġeopolitika fil-fruntieri esterni tal-UE, b'attenzjoni speċjali għall-Istati Membri u r-reġjuni li huma l-aktar milquta mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, speċjalment ir-reġjuni li jmissu mar-Russja u l-Belarussja u dawk li jmissu mal-Ukrajna;
- (7) Jinsab IMĦASSEB dwar l-isfidi demografiċi li jkomplu jżidu l-pressjoni fuq il-baġits pubbliċi, jaggravaw in-nuqqas ta' hilieta u ta' ħaddiema, kif ukoll l-isfidi tas-suq tax-xogħol bħall-qgħad fost iż-żgħażaġh, u r-riskju ta' nassa tal-iżvilupp tat-talenti; JAGĦRAF li dawn l-isfidi jolqtu b'mod aktar aħrax liż-żoni rurali, reġjuni remoti u reġjuni esposti għal żvantaġġi naturali ħorox u permanenti, li jbatu minn depopolazzjoni u eżodu ta' mħuħ, kif ukoll reġjuni urbani minħabba l-konċentrazzjoni tal-attività u l-popolazzjoni f'żoni urbani kbar; f'dan il-kuntest, JENFASIZZA wkoll l-importanza ta' mudell ta' żvilupp poliċentriku, li jibni fuq rabtiet urbani-rurali;
- (8) JINNOTA li għad hemm disparitajiet soċjoekonomiċi kbar, u li l-isfidi strutturali u emerġenti jaffettwaw jew hemm riskju li jaffettwaw għadd dejjem akbar ta' reġjuni u jinsab MĦASSEB li l-konverġenza ma kinitx uniformi madwar l-UE, partikolarment fl-Istati Membri u r-reġjuni, u li l-isfidi strutturali flimkien mal-impatt asimmetriku tax-xokkijiet ekonomiċi, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżijiet iwasslu lil ħafna reġjuni għal diverġenza gradwali, stagħnar ekonomiku, tnaqqis, nases tal-iżvilupp jew ir-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali għaċ-ċittadini tagħhom;
- (9) JINNOTA wkoll li kull tkabbir futur ser ikollu wkoll implikazzjonijiet għall-politika ta' koeżjoni;
- (10) JISĦAQ li jeħtieġ li dawn l-isfidi u t-tħassib jiġu indirizzati b'mod inklużiv u ġust, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jaqa' lura; JAQBEL mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li, jekk ma jiġux indirizzati, l-isfidi strutturali u emerġenti jistgħu jwessgħu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali;

Il-politika ta' koeżjoni bħala politika li qed tevolvi, titgħallem mill-esperjenzi tagħha stess u dawk ta' strumenti oħra

- (11) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra modi xierqa għall-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2027 biex ttiprovdi appoġġ imfassal apposta għar-reġjuni biex jirnexxilhom jegħlbu dawk l-isfidi, b'enfasi speċjali fuq dawk ekoloġiċi, diġitali, industrijali u demografiċi u l-livelli differenti ta' żvilupp soċjoekonomiku, filwaqt li titqies l-esperjenza tal-perjodu attwali;
- (12) JISSOTTOLINJA li l-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-aktar għodod importanti biex jitrawwem l-iżvilupp fir-reġjuni Ewropej kollha, speċjalment fir-reġjuni li jiffaċċjaw sfidi strutturali persistenti inkluż reġjuni inqas żviluppati, kif ukoll politika ta' investiment ewlenija tal-UE, li għandha tkompli tappoġġa l-investimenti meħtieġa għall-konverġenza u tindirizza n-nases tal-iżvilupp u toħloq opportunitajiet ta' tkabbir għar-reġjuni u ċ-ċittadini tagħhom;
- (13) ITENNI li l-politika ta' koeżjoni, bħala politika bbażata fuq il-post sostnuta minn ġestjoni komuni, trid titfassal skont il-ħtiġijiet, l-isfidi speċifiċi u l-vulnerabbiltajiet tar-reġjuni filwaqt li ssaħħaħ il-parteciċipazzjoni u l-istrumenti territorjali, u tippermettilhom iwettqu l-aktar investimenti u riformi rilevanti fl-aktar livell xieraq; JAGĦRAF ir-rwol akbar tal-politika ta' koeżjoni fil-kontribut għas-Semestru Ewropew;
- (14) IFAKKAR fil-prinċipji fundamentali tal-Artikolu 174 tat-TFUE, li jippromwovi l-iżvilupp armonjuż tar-reġjuni tal-UE u jagħti attenzjoni partikolari lil oqsma speċifiċi;
- (15) IFAKKAR fis-sitwazzjoni soċjali u ekonomika strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif rikonoxxuta mill-Artikolu 349 tat-TFUE, u li l-politika ta' koeżjoni trid twieġeb għall-isfidi tal-iżvilupp tagħhom u tappoġġa l-integrazzjoni reġjonali tagħhom;
- (16) IFAKKAR fil-ħtieġa li d-dimensjoni territorjali tiġi integrata aħjar fil-politiki tal-UE biex tissaħħaħ il-koerenza tal-azzjonijiet tal-UE; JAPPELLA għal għarfien ġenerali tat-tisħiħ tal-koeżjoni fil-politiki u l-inizjattivi tal-Unjoni, u JENFASIZZA l-ħtieġa għal komplementarjetajiet u sinerġiji bejn il-politika ta' koeżjoni u politiki u inizjattivi rilevanti oħra, inkluż fil-livelli nazzjonali u reġjonali, mill-fażi tat-tfassil tagħhom;

- (17) JENFASIZZA l-importanza li nippruvaw nissimplifikaw il-politika ta' koeżjoni għall-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-programm (partikolarment billi nibmu fuq il-miżuri ta' simplifikazzjoni eżistenti inkluż finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż u għażliet ta' spejjeż simplifikati), u nippermettu li r-realtajiet tar-reġjuni u l-Istati Membri differenti tal-UE jitqiesu fl-istadji tat-tfassil u tal-implimentazzjoni meta jiġu identifikati tali miżuri ta' simplifikazzjoni, biex tiżdied l-effettività u n-natura mmirata tal-politika ta' koeżjoni;
- (18) IFAKKAR fil-ħtieġa tal-armonizzazzjoni u l-proporzjonalità tal-kontrolli u l-awditi, filwaqt li jinżammu standards għoljin għall-prevenzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni u l-għlieda kontribom fil-livelli kollha; IFAKKAR ukoll fil-ħtieġa li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awditu uniku;
- (19) JISĦAQ fuq l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, billi jitqiesu ir-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
- (20) JAGĦRAF l-importanza ta' governanza tajba u l-bini tal-kapaċitajiet biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet amministrattivi fil-livell tal-Istati Membri, reġjonali u lokali; JISĦAQ li governanza tajba, istituzzjonijiet b'saħħithom, rispetta għall-istat tad-dritt u kapaċità amministrattiva b'saħħitha huma importanti għal tfassil u implimentazzjoni effettivi u effiċjenti tal-politika ta' koeżjoni;
- (21) JENFASIZZA r-rwol tal-politika ta' koeżjoni biex tkompli ssaħħaħ is-Suq Uniku billi tnaqqas l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni, trawwem it-tkabbir u tippromwovi l-innovazzjoni;
- (22) JAGĦRAF il-kontribut ta' Interreg biex jinkiseb żvilupp territorjali aktar ibbilanċjat permezz ta' kooperazzjoni aħjar bejn ir-reġjuni u l-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa bejn il-fruntieri, speċjalment tul il-ktajjen tal-valur interreġjonali u l-infrastruttura sostenibbli tranżnazzjonali sabiex tiġi indirizzata t-tranżizzjoni;
- (23) JISSOTTOLINJA l-opportunità li ssir riflessjoni dwar kif il-politika ta' koeżjoni tista' ssir aktar ibbażata fuq il-prestazzjoni bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effiċjenza abbażi tal-esperjenzi tagħha stess kif ukoll it-tagħlimiet meħuda minn strumenti oħra tal-UE; JENFASIZZA l-ħtieġa li jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq evalwazzjonijiet politiċi robusti, u filwaqt li jitqiesu l-implikazzjonijiet operazzjonali tagħhom b'mod partikolari għas-sistemi ta' awditjar u kontroll;

(24) JITLOB lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti maħsuba biex jadattaw il-politika ta' koeżjoni f'konformità mar-rwol tagħha bħala l-qafas fit-tul għall-iżvilupp reġjonali, li jirfdu l-mudell tat-tkabbir tal-UE, filwaqt li jibnu fuq il-punti b'saħħithom distintivi tiegħu - ġestjoni komuni, governanza f'diversi livelli, approċċ ibbażat fuq il-post u l-prinċipju tas-sħubija - filwaqt li jitqies li r-reġjuni għandhom punti ta' tluq, ħtiġijiet u kapaċitajiet differenti, u għandhom jieħdu toroq ta' żvilupp differenti għal trasformazzjonijiet kontinwi u futuri; JISTENNA BIL-ĦERQA li jirċievi l-proposti għall-pakkett leġiżlattiv li jmiss mhux aktar tard minn Lulju 2025, wara l-proposta tal-QFP f'konformità mal-iskadenza stipulata fir-regolament dwar il-QFP.
